MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 215/2002/1

**Alfred Attard**

**vs**

**Joseph Scerri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 t'April tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Illi jhallas lill-attur id-danni sofferti minnu a tenur tal-Artikolu 28 tal-Press Act, 1974 u**

**dana minhabba illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta' malafama a tenur tal-istess Press Act permezz ta' kontribuzzjoni miktuba minnu bhala ittra lill-Editur fil-gurnal In-Nazzjoni Taghna ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Frar, tas-sena 2002 intitolata "Alfred Attard u `Gladiatior'", liema kontribuzzjoni qieghedha tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument `AA1' u li permezz ta' tali kontribuzzjoni l-konvenut ghamel malafama lill-attur billi attribwilu fatti determinati bl-iskop illi joffendi l-unur u l-fama tieghu, jew li jesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;**

**2. Il-valur ma jeccedix il-hamest elef Lira Maltin (LM5000);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-13 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-artiklu de quo m'huwiex libelluz peress li l-konvenut agixxa fl-ezercizzju tieghu tad-dritt ta' l-espressjoni u l-kitba msemmija hija fair comment;**

**2. Illi l-attur huwa pesuna pubblika u ghalhekk il-kritika li saritlu hija wahda gustifikata f'socjeta' demokratika;**

**3. Illi ghalhekk il-konvenut m'ghandu jhallas l-ebda danni;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Hadet in konsiderazzjoni l-verbal tal-konvenut datat il-25 ta' Marzu tas-sena 2003 fejn il-qorti giet informata li r-rapprezentant legali tal-konvenut kien debitament awtorizzat biex jittransigi l-kawza odjerna billi:**

**1. Jikteb ittra fil-gurnata in-Nazzjoni fis-sena li l-attur ma ha l-ebda flus mill-Kunsill Lokali biex isiefer lill-mara tieghu u;**

**2. Li ma ha l-ebda petrol ghall-vettura tieghu;**

**3. Meta l-attur kien membru fil-Kunsill Lokali in dizamina qed dmiru mill-ahjar li seta';**

**4. L-ispejjez ta' din il-procedura ser jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut;**

**Rat il-verbal datat it-2 t'April tas-sena 2003 fejn irredigiet elenku tal-varji differimenti li ottjena l-konvenut bil-ghan li jikkonkludi l-kawza odjerna bonarjament;**

**Tinnota li rrizulta li dawn kienu biss manuvri dilatorji intizi biex itawlu l-procedura odjerna inutilment – liema manuvri m'hux tollerabbli;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi fl-1999 l-attur ghamel perjodu ta' seba' xhur membru fil-Kunsill Lokali ta' Bormla;**

**2. Illi l-istess attur ihoss li tul dan il-perjodu dejjem espleta l-inkarigu tieghu ta' membru b'onesta' u fedelta' ghall-gurament tieghu;**

**3. Illi hassu ngurjat u malafamat b'artikolu li deher fil-harga tal-21 ta' Frar tas-sena 2002, liema artikolu inkiteb mill-konvenut Scerri, u senjatament ghall-paragrafu li jibda bil-kliem *"Dak li ma kitibx Alfred Attard…."* jispicca "*….biex tiskongra trid tkun pur u pur m'hu hadd"*;**

**4. Illi l-attur jichad kategorikament l-allegazzjonijiet kontenuti fl-istess ittra;**

**5. Illi allura l-attur isostni b'sahha s-segwenti:**

**a. Illi hu qatt ma ha petrol li ghalih hallas il-Kunsill Lokali in kwistjoni;**

**b. Illi meta, fuq inkarigu tal-istess Kunsill Lokali l-attur kellu jsiefer fuq xoghol ghall-istess fejn kien akkompanjat mill-mara tieghu, l-ispejjez in konnessjoni ma l-istess mawra tal-mara ta' l-attur ghamel tajjeb ghalihom l-istess attur u mhux il-Kunsill de quo;**

**c. Illi l-passagg in dizamina kien gie rifuz lill-attur minn kuntrattur indipendenti;**

**d. Illi x-xoghol f'pajjiz esteru ta' l-attur kien gie regolarment approvat preventivament mill-Kunsill de quo;**

**e. Illi l-fatt li jkun akkompanjat mill-mara tieghu f'dan ix-xoghol kien gie ssuggerit mill-istess Sindku li kien assuma personalment ir-responsabbilita' ghall-ispejjez ulterjuri involuti;**

**f. Illi in effetti l-attur sofra personalment danni finanzjarji kagun ta' din il-mawra;**

**6. Illi l-versjoni ta' l-attur hi konfortata mis-segretarju amministrattiv tal-Kunsill de quo;**

**7. Illi, jirrizulta di piu' wkoll li r-rapprezentant legali tal-konvenut kien gie debitament awtorizzat mill-istess konvenut jikkonkludi ftehim li t-termini essenzjali tieghu huma riprodotti a fol 38;**

**Ghaldaqstant din il-qorti taqta' u tiddeciedi li hi sodisfatta li l-attur pprova l-kaz tieghu skond il-ligi u**

**filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u:**

**1. Tiddikjara li l-ittra ppubblikata f'pagna 14 tal-gazzetta "In-Nazzjoni" tal-Hamis, il-21 ta' Frar tas-sena 2002, intitolata "Alfred Attard u `Gladiator'", miktuba u ffirmata mill-konvenut Joseph Scerri hija libelluza u malafamanti skond il-ligi, fil-konfront ta' l-attur;**

**2. Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et datata l-15 ta' Novembru ta' l-1994 referibbilment ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni f'kazijiet hawn kontemplati in kontropposizzjoni ma dawk ikkontemplati fil-Kodici Civili;**

**3. Illi in vista tal-premess din il-qorti qed tissottolinea s-segwenti:**

**a. Illi l-allegazzjonijiet tal-konvenut awtur m'humiex minnhom;**

**b. Illi bhala kunsillier, l-istess awtur seta' facilment effettwa l-verifiki tieghu qabel ma kiteb;**

**c. Illi l-effett ta' tali ittra jimmina konsiderevolment il-kredibilita' kemm ta' persuna li qed toffri s-servizzi taghha in buona fede u minghajr ebda interess kif ukoll ta' l-istituzzjoni naxxenti mill-principju ghaqli tas-sussidjarjeta';**

**d. Illi waqt il-mori tal-kawza jirrizulta li l-konvenut ipprokrastina u pprova jutilizza l-procedura forensika ghal dan l-iskop nefast;**

**4. Tikkundanna lill-konvenut Joseph Scerri biex ihallas
lill-attur Alfred Attard l-ammont ta' sitt mitt Lira Maltin, (LM600.00,0), bl-ispejjez.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------